**25 ta' Mejju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Sidor Brincat *et*

*versus*

Anthony Debono

***Splużjoni fuq Lanċa - Ħruq - Responsabbilità***

*Jekk in-nar ma jkunx beda aċċidentalment mhux meħtieġ li ssir il-prova ta' negliġenza f'azzjoni dwar danni kkawżati minn ħruq.*

*Il-Qorti kkwotat b'approvazzjoni mill-ktieb Charlesworth on Negligence li jsegwi t-teorija li tidher hawn fuq kif ħarġet mir-regola enunċjata f'**Rylands versus Fletcher**.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi fil-11 ta' Awissu, 1972, minħabba imperizja, traskuraġni, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-konvenut, saret splużjoni fuq lanċa ta' l-istess konvenut f'San Pawl il-Baħar, f'liema splużjoni sfax danneġġjati l-opri l-oħra ta' l-atturi; u billi l-konvenut, għalkemm interpellat biex jersaq *għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, baqa' inadempjenti; talbu* illi l-konvenut jiġi ddikjarat responsabbli għall-ħsarat imġarrbin mill-atturi u illi l-konvenut jiġi kkundannat li jħallashom is-somma li tiġi hekk likwidata;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal illi l-isplużjoni fuq il-lanċa tiegħu ma ġietx ikkaġunata bl-ebda ħtija tiegħu u għalhekk huwa mhux responsabbli għad-danni li setgħu

soffrew l-atturi separatament;

Rat ir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju, l-Avukat Dr. Alberto Magri, minnu debitament maħlufa;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fil-11 ta' Awissu, 1972, għall-ħabta tad-9.00 a.m., ċertu Reno Micallef u Robert Enriquez telgħu fuq il-*cabin cruiser* li jġib l-isem Daffodil, proprjetà tal-konvenut (li miegħu l-imsemmi Micallef huwa mpjegat bħala *skipper* ta' l-istess *cabin cruiser*) biex imorru dawra bih, wara li ottjenew il-permess tal-konvenut. Id-Daffodil kien ankrat fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar, fil-viċinanzi tal-West End, xi distanza 'l barra mill-moll. Enriquez tella' l-ankrett minn quddiem u Micallef ipprova jistartja l-magna, billi ta' xi seba' jew tmien dawriet biċ-ċavetta u poġġa l-magna fuq iċ-*choke*, iżda l-magna ma startjatx. Billi l-lanċa kienet issa maħlula minn kull irbit li kellha qabel, din bdiet tiddriftja, u għalhekk Micallef tella' biċċa *mooring* li sab fil-baħar biex jarresta l-avvanz tal-lanċa. Sadanittant huwa sejjaħ lill-konvenut, li kien fuq il-moll, u dan tela' ukoll fuq il-lanċa. Kif tela', il-konvenut ipprova jistartja l-magna huwa, u kif għamel hekk saret splużjoni u t-tliet okkupanti tal-lanċa sabu ruħhom imtajrin fil-baħar u l-lanċa bdiet taqbad. Sadanittant il-lanċa bdiet tersaq lejn il-moll waħedha imbuttata mir-riħ ħafif li kien hemm, ġiet in kuntatt mad-dgħajjes ta' l-atturi u anke dawn ħadu n-nar.. Fil-fatt id-dgħajjes ta' l-attur Brincat u s-*sailing boat* ta' l-attur Debono nħarqu kompletament (ħlief għall-qiegħ tagħhom li kien imiss ma' l-ilma) u l-i*speed boat* ta' l-attur

Camilleri ġarrbet ħruq parzjali, peress li hu dan l-attur irnexxielu jitfiha;

Il-perit ġudizzjarju wasal għall-konklużjoni li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni fuq imsemmi; u llikwida l-ammonti li l-istess konvenut għandu jħallas lill-atturi bħala kumpens għal dawn id-danni fis-somma ta' mitt lira (Lm100) lill-attur Brincat, fis-somma ta' tmenin lira (Lm80) lill-attur Debono, u fis-somma ta' mija u tmienja u sittin lira, sittin ċenteżmu u disa' milleżmi (Lm168.60,9) lill-attur Camilleri);

Illi minn eżami tal-provi u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kif ukoll tar-raġunijiet li fuqhom il-perit legali bbaża l-konklużjonijiet tiegħu, sew dwar ir-responsabbilità tal-konvenut u kemm dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas mill-konvenut lill-atturi rispettivi, din il-Qorti taqbel ma' l-istess konklużjonijiet u tadottahom. Infatti, apparti dak li qal il-perit, m'hemmx lanqas l-iċken dubbju li l-ħsara fid-dgħajjes ta' l-atturi ġiet ikkawżata bin-nar mil-lanċa tal-konvenut meta din ġiet in kuntatt magħhom imbuttata mir-riħ. Apparti l-kawża tan-nar, li f'dan il-każ ma rriżultax x'kienet eżatt, però, żgur li dan iġġenera minn splużjoni ikkawżata mill-konvenut meta dan ipprova jistartja l-magna tal-lanċa, kien obbligu tal-konvenut li jara li n-nar mil-lanċa tiegħu ma jikkaġunax ħsara lil terzi. Kien forsi jkun differenti kieku l-lanċa ġiet mogħtija n-nar u l-irbit maqtugħ b'għemil doluż ta' ħaddieħor (mhux tal-konvenut), iżda mhux fiċ-ċirkostanzi attwali tal-każ, meta kien prevedibbli għall-konvenut li xi ħaġa ħażina fil-magna setgħet tiġġenera n-nar u li dan seta' ma jkunx kontrollabbli in vista tal-kwantità ta' petrol li kien hemm fuq il-lanċa; u wisq iżjed, kien prevedibbli għalih li n-nar seta' jinfirex fuq opri oħrajn tal-baħar li kien hemm fil-viċin, meta l-irbit tal-lanċa ġie mneħħi u din kwindi setgħet faċilment tiddriftja mar-riħ. Hanwhekk għandha, biex wieħed jgħid hekk, żewġ inċidenti ta' ħruq; il-ħruq tal-lanċa nnfisha u l-ħruq ta' l-opri tal-baħar ta' l-atturi, jekk għall-ewwel

wieħed il-konvenut ma kienx jaħti; ċertament kien jaħti għat-tieni wieħed, li ġara għaliex ġie mneħħi l-irbit tal-lanċa tiegħu qabel il-waqt u l-konvenut ma ħax prekawzjonijiet biex in-nar ma jinfirixx fuq opri oħra tal-baħar. Insibu fiċ-Charlesworth on Negligence (Third Edition p. 298) *"liability for fire is based on the rule of* ***Rylands*** **vs** ***Fletcher****, and accordingly, except in cases in which the Fires Prevention (Metropolis) Act, 1774 applies (i.e.* ġeneralment meta n-nar ikun beda aċċidentalment) *it is not necessary to prove negligence in an action for damage by fire"*. Issa, f'dan il-każ ma ġiex ippruvat li n-nar kien wieħed aċċidentali, u jekk kien dovut ultimament għal xi difett mekkaniku jew elettriku, il-konvenut xorta waħda huwa l-bniedem li jrid jirrispondi għall-konsegwenzi;

Illi fl-aħħarnett għal dak li huwa *quantum* tad-danni l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod kif il-perit illikwida l-kumpens dovut, anzi taqbel għal kollox miegħu;

Għal dawn il-motivi u dawk mogħtija mill-perit ġudizzjarju;

*Omissis*;

Billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi; u konegwentement tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-ħsarat li ġarrbu l-atturi fl-inċident hawn fuq imsemmi, tillikwida d-danni offerti mill-atturi Sidor Brincat, Egidio Debono u Joseph Camilleri fl-ammonti ta' Lm100, Lm80 u Lm168.60,9 rispettivament, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati u ċjoè lill-attur Brincat is-somma ta' Lm100; lill-attur Camilleri s-somma ta' Lm168.60,9; u lill-attur Debono s-somma ta' Lm80. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.